IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.7.2024
COM(2024) 307 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

skont l-Artikolu 410b tad-Direttiva tal-VAT, dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-VAT dwar il-vawċers - definizzjoni, ktajjen ta' distribuzzjoni, u vawċers li ma jkunux issarfu -

Werrej

1. INTRODUZZJONI ---------- 2

2. SFOND TAL-INTERVENT ---------- 2

3. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET ATTWALI ---------- 8

4. VALUTAZZJONI TAR-REGOLI ATTWALI ---------- 12

4.1 VALUTAZZJONI ĠENERALI ---------- 13

4.2 VALUTAZZJONI TA' SUĠĠETTI SPEĊIFIĊI ---------- 17

5. KONKLUŻJONIJIET ---------- 21

ANNESS – RAPPORT FIL-QOSOR – KWESTJONARJU DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA DWAR IL-VAWĊERS (UE) 2016/1065 ---------- 24

1. INTRODUZZJONI

Fis-27 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill adotta Direttiva[1] li temenda d-Direttiva tal-VAT[2] dwar it-trattament ta' tranżazzjonijiet li jinvolvu vawċers (id-Direttiva dwar il-Vawċers). Ir-regoli l-ġodda japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019, iżda biss għall-vawċers maħruġa wara l-31 ta' Diċembru 2018.

L-għan ta' dawk il-bidliet huwa s-simplifikazzjoni, il-modernizzazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli tal-VAT li japplikaw għall-vawċers[3], b'mod partikolari biex "*jiġi żgurat trattament ċert u uniformi, sabiex ikun konsistenti mal-prinċipji ta' taxxa ġenerali fuq il-konsum li tkun eżattament proporzjonata mal-prezz tal-oġġetti u s-servizzi, biex jiġu evitati l-inkonsistenzi, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, it-tassazzjoni doppja jew in-nontassazzjoni u biex jitnaqqas ir-riskju tal-evażjoni tat-taxxa*"[4].

Skont l-Artikolu 410b tad-Direttiva tal-VAT kif emendata, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' valutazzjoni bbażat fuq informazzjoni miksuba mill-Istati Membri tal-UE (l-Istati Membri minn issa 'l quddiem) dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT fir-rigward tat-trattament tal-vawċers għall-finijiet tal-VAT, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni ta' vawċers, ir-regoli tal-VAT relatati mat-tassazzjoni tal-vawċers fil-katina tad-distribuzzjoni, u l-vawċers li ma jkunux issarfu, akkumpanjat fejn meħtieġ bi proposta xierqa biex jiġu emendati r-regoli rilevanti.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, dan ir-rapport janalizza l-prestazzjoni ġenerali tar-regoli tal-VAT dwar il-vawċers skont ħames kriterji (l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE) fuq 4 snin mill-applikazzjoni inizjali tagħhom fl-2019, segwita minn valutazzjoni speċifika ta': i) id-definizzjoni ta' vawċers, ii) it-tassazzjoni tal-vawċers fil-katina tad-distribuzzjoni u iii) il-vawċers li ma jkunux issarfu. Ir-rapport jivvaluta l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti abbażi tar-riżultati ta' stħarriġ immirat lejn l-Istati Membri mwettaq mis-27 ta' Marzu sad-9 ta' Ġunju 2023[5]. Imbagħad jikkonkludi billi jqis jekk proposta leġiżlattiva biex jiġu emendati r-regoli kkonċernati tkunx xierqa.

2. SFOND TAL-INTERVENT

Fin-nuqqas ta' regoli komuni tal-VAT dwar it-trattament tal-vawċers fis-Sitt Direttiva tal-VAT[6] jew fid-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri żviluppaw approċċi differenti matul is-snin. Dan wassal għal riskji ta' tassazzjoni doppja jew nontassazzjoni, evitar tat-taxxa u ostakli għall-

---

1 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1065 tas-27 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tat-trattament tal-vawċers (ĠU L 177, 1.7.2016, p. 9) (id-Direttiva dwar il-Vawċers).

2 Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1) (id-Direttiva tal-VAT).

3 Il-premessa 13 tad-Direttiva dwar il-Vawċers.

4 Il-premessa 2 tad-Direttiva dwar il-Vawċers.

5 *Kwestjonarju dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers (UE) 2016/1065*.

6 Id-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1) (is-Sitt Direttiva tal-VAT).

innovazzjoni tan-negozju[7]. Fl-2012, il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta[8] biex tiċċara u tarmonizza r-regoli tal-VAT dwar il-vawċers.

Madankollu, meta ġew adottati mill-Kunsill, xi wħud mid-dispożizzjonijiet li l-Kummissjoni kienet ipproponiet tħallew barra. B'mod partikolari, id-Direttiva dwar il-Vawċers adottata ma fiha l-ebda dispożizzjoni dwar vawċers ta' skont, pagamenti akkont jew il-kalkolu tal-ammont taxxabbli għad-distribuzzjoni ta' "vawċers b'użi multipli" (MPVs). Dwar l-iskontijiet, il-premessi tad-Direttiva adottata saħansitra jiċċaraw li *strumenti li jintitolaw lit-titolar għal skont fuq xiri ta' oġġetti jew servizzi iżda li ma jagħtu l-ebda dritt li wieħed jirċievi tali oġġetti jew servizzi, ma għandhomx ikunu fil-mira ta' dawn ir-regoli.* Lanqas ma ssir referenza għall-esklużjoni mid-definizzjoni ta' vawċer ta' kwalunkwe strument li l-uniku użu tiegħu huwa t-twettiq ta' pagamenti, u lanqas għar-relazzjoni bejn ir-regoli dwar il-vawċers u r-regoli speċjali dwar il-VAT, bħal dawk dwar l-iskema ta' marġni għall-aġenti tal-ivvjaġġar. Jista' jiġi argumentat li dan huwa parzjalment dovut għall-fatt li l-unanimità hija meħtieġa fil-qasam tat-tassazzjoni, fejn il-kompromessi milħuqa spiss iwarrbu kwistjonijiet li potenzjalment kienu jkunu jistħu jiġu miftiehma b'maġġoranza. Tabilħaqq, matul dawn l-aħħar ftit snin, dawn il-kwistjonijiet u oħrajn ta' implimentazzjoni ġew diskussi fil-kuntest tal-Kumitat tal-VAT[9], u dan irriżulta f'żewġ settijiet ta' linji gwida[10] maqbula mill-maġġoranza tal-Istati Membri (it-Taqsima 3) li, għalkemm ma humiex legalment vinkolanti, jikkontribwixxu għal applikazzjoni aktar uniformi tar-regoli komuni tal-VAT.

i) Id-definizzjoni ta' vawċers

Ir-regoli kif adottati jipprevedu li biex strument jikkwalifika bħala vawċer iridu jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet kumulattivi: i) l-istrument jinvolvi obbligu li jiġi aċċettat bħala korrispettiv jew parti mill-korrispettiv għal forniment ta' oġġetti jew servizzi u ii) l-istrument jew id-dokumentazzjoni relatata tispeċifika l-oġġetti jew is-servizzi li għandhom jiġu fornuti jew l-identità tal-forniturі potenzjali.

---

7 Mill-114-il laqgħa tal-Kumitat tal-VAT, id-Dokument ta' Ħidma Nru 983, *Mistoqsijiet imqajma wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers*.

8 Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tat-trattament tal-vawċers (COM(2012) 206 tal-10.5.2012).

9 Skont l-Artikolu 398 tad-Direttiva tal-VAT "*1. Kumitat konsultattiv dwar il-VAT, imsejjaħ 'il–Kumitat tal-VAT', hu stabbilit. 2. Il-Kumitat tal-VAT għandu jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. Il-president tal–Kumitat għandu jkun rappreżentant tal-Kummissjoni. Servizzi segretarjali għall-Kumitat għandhom ikunu pprovduti mill-Kummissjoni. 3. Il–Kumitat tal-VAT għandu jadotta r-regoli tal–proċedura tiegħu proprji. 4. B'żieda mal-punti soġġetti li jiffurmaw parti mill-konsultazzjoni skont din id-Direttiva, il-Kumitat tal-VAT għandu jeżamina l-mistoqsijiet imqajjma mill-president tiegħu, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba tar-rappreżentant tal-Istat Membru, li jikkonċernaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Komunità dwar il-VAT.*"

10 Il-Linji Gwida maqbula fil-116-il laqgħa, id-Dokument ta' Ħidma Nru 1043, id-Dokument B, it-taxud.c.1(2023)4439781 u l-Linji Gwida maqbula fil-122 laqgħa, id-Dokument ta' Ħidma Nru 1074, id-Dokument C, it-taxud.c.1(2024)438498.

Illustrazzjoni 1: Il-kunċett ta' vawċer[11]



"Vawċer b'użu uniku" (SPV) huwa vawċer fejn il-post tal-forniment tal-oġġetti jew tas-servizzi li jirreferi għalihom il-vawċer, u l-VAT dovut fuq dawk l-oġġetti jew servizzi, ikunu magħrufa fil-ħin tal-ħruġ tal-vawċer, filwaqt li l-vawċers kollha għajr l-SPVs jikkostitwixxu "vawċers b'użi multipli" (MPVs).

Illustrazzjoni 2: SPV



[11] L-Illustrazzjonijiet 1 sa 5 huma mid-Dokument ta' Ħidma Nru 983 tal-Kumitat tal-VAT "*Mistoqsijiet imqajma wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers*".

Illustrazzjoni 3: Kunċett ta' MPV



Il-premessi tad-Direttiva dwar il-Vawċers jiċċaraw ukoll li *strumenti li jintitolaw lit-titolar għal skont fuq xiri ta' oġġetti jew servizzi iżda li ma jagħtu l-ebda dritt li wieħed jirċievi tali oġġetti jew servizzi, ma għandhomx ikunu fil-mira ta' dawn ir-regoli*[12]u li *d-dispożizzjonijiet dwar il-vawċers ma għandhom iwasslu għall-ebda bidla fit-trattament għall-finijiet tal-VAT ta' biljetti tat-trasport, biljetti tad-dħul f'ċinemas u mużewijiet, bolol tal-posta jew affarijiet simili*[13].

ii) It-trattament tal-VAT tal-vawċers fil-katina tad-distribuzzjoni

Kif tgħid il-premessa 8 tad-Direttiva dwar il-Vawċers, fejn it-trattament tal-VAT tal-forniment sottostanti ta' oġġetti jew servizzi jista' jiġi ddeterminat b'ċertezza diġà mal-ħruġ, il-VAT għandu jiġi impost fuq kull trasferiment ta' SPV, inkluż mal-ħruġ tiegħu, filwaqt li l-konsenja attwali tal-oġġetti jew il-forniment attwali tas-servizzi bi skambju għal SPV ma għandhiex titqies bħala tranżazzjoni indipendenti.

[12] Il-premessa 4 tad-Direttiva dwar il-Vawċers.
[13] Il-premessa 5 tad-Direttiva dwar il-Vawċers.

Illustrazzjoni 4: Regoli li jirregolaw it-trasferiment ta' SPV



Dwar id-distribuzzjoni tal-SPVs, id-Direttiva dwar il-Vawċers iċċarat li kull trasferiment ta' SPV minn persuna taxxabbli li tagixxi f'isimha stess, inkluż il-ħruġ ta' dak il-vawċer, jitqies bħala l-forniment tal-oġġetti jew tas-servizzi li għalihom jirreferi l-vawċer[14]. Il-VAT għandha titqies fuq il-korrispettiv riċevut għall-SPV skont l-Artikolu 73 tad-Direttiva tal-VAT. Jekk, min-naħa l-oħra, SPV jinħareġ jew jitqassam minn persuna taxxabbli li tagixxi f'isem persuna oħra, dik il-persuna taxxabbli ma titqiesx li qed tieħu sehem fil-forniment sottostanti.

Minflok, għall-MPVs, il-VAT għandha tiġi imposta meta l-oġġetti jew is-servizzi li għalihom jirrelata l-vawċer jiġu fornuti, għalhekk, kwalunkwe trasferiment minn qabel tal-MPV ma għandux ikun soġġett għall-VAT.

[14] Il-premessa 9 tad-Direttiva dwar il-Vawċers.

Illustrazzjoni 5: Regoli li jirregolaw it-trasferiment ta' MPV



Fuq is-servizzi fornuti tul il-katina tad-distribuzzjoni ta' MPV, huma biss is-servizzi intermedjarji jew il-provvista separata ta' servizzi bħas-servizzi ta' distribuzzjoni jew promozzjoni li jkunu soġġetti għall-VAT. Għalhekk, meta persuna taxxabbli li ma tkunx qed taġixxi f'isimha stess tirċievi kwalunkwe korrispettiv separat mat-trasferiment ta' MPV, dak il-korrispettiv għandu jkun taxxabbli skont l-arranġamenti normali tal-VAT[15].

Fl-aħħar nett, dwar l-ammont taxxabbli ta' MPV, id-Direttiva dwar il-Vawċers iċċarat li biex jiġi żgurat li l-ammont tal-VAT imħallas ikun preċiż, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 73 tad-Direttiva tal-VAT, il-fornitur tal-oġġetti jew tas-servizzi għandu jqis il-VAT abbażi tal-korrispettiv imħallas għall-MPV[16]. Fin-nuqqas ta' tali informazzjoni, l-ammont taxxabbli għandu jkun daqs il-valur monetarju indikat fuq il-vawċer innifsu jew fid-dokumentazzjoni relatata, li minnu jitnaqqas l-ammont tal-VAT relatat mal-oġġetti jew is-servizzi fornuti. Meta MPV jintuża parzjalment fir-rigward tal-forniment ta' oġġetti jew servizzi, l-ammont taxxabbli għandu jkun ugwali għall-parti korrispondenti tal-korrispettiv jew il-valur monetarju, bit-tnaqqis tal-ammont tal-VAT relatat mal-oġġetti jew mas-servizzi fornuti.

iii) Vawċers li ma jkunux issarfu

Fejn MPV jintuża parzjalment, l-ammont taxxabbli għandu jkun daqs il-parti korrispondenti tal-korrispettiv jew il-valur monetarju, bit-tnaqqis tal-ammont tal-VAT relatat mal-oġġetti jew is-servizzi fornuti, għalkemm huwa ċċarat[17] li din *ma għandhiex fil-mira s-sitwazzjonijiet fejn*

[15] Il-premessa 10 tad-Direttiva dwar il-Vawċers.
[16] Il-premessa 11 tad-Direttiva dwar il-Vawċers.
[17] Il-premessa 11 tad-Direttiva dwar il-Vawċers.

vawċer b'użi multipli ma jiġix imsarraf mill-konsumatur finali matul il-perjodu tal-validità tiegħu, u l-korrispettiv riċevut għal dan il-vawċer jinżamm mill-bejjiegħ[18].

3. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET ATTWALI

Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar il-Vawċers:

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2019.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Fir-rigward tal-obbligu li t-test tad-dispożizzjonijiet il-ġodda jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni, ingħalqu ħames proċeduri ta' ksur mhux ta' komunikazzjoni wara li Ċipru, iċ-Ċekja, il-Greċja, il-Latvja u r-Rumanija kkomunikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom.

Il-kontroll tal-konformità ta' kull Stat Membru mwettaq mid-DĠ TAXUD[19] wara l-1 ta' Jannar 2019 wera li erba' Stati Membri kienu naqsu milli jaderixxu mad-dati preskritti tad-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda (fiċ-Ċekja l-emendi daħlu fis-seħħ mill-1 ta' April 2019, fid-Danimarka u fil-Latvja d-dispożizzjonijiet il-ġodda kienu japplikaw biss għall-vawċers maħruġa wara l-1 ta' Lulju 2019 u fis-Slovakkja għall-vawċers maħruġa wara t-30 ta' Settembru 2019).

Barra minn hekk, wara l-kontrolli tal-konformità, il-Kummissjoni fetħet żewġ proċeduri EU Pilot[20] lejn il-Bulgarija u Franza. Fil-każ tal-Bulgarija, il-proċedura EU Pilot relatata mat-trattament tal-vawċers tal-ikel ingħalqet wara li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ġiet modifikata mit-18 ta' Frar 2022. B'mod partikolari, bħala riżultat tal-emendi li saru, il-vawċers tal-ikel li setgħu jiġu skambjati kemm għal provvisti soġġetti għal rata mnaqqsa tal-VAT kif ukoll għal provvisti ntaxxati bir-rata standard, tqiesu bħala MPVs. Fil-każ ta' Franza, il-proċedura EU Pilot kienet tirrigwarda d-determinazzjoni tal-ammont taxxabbli tal-forniment ta' oġġetti jew servizzi fornuti fir-rigward ta' MPV fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-korrispettiv imħallas. Tabilħaqq, skont l-Artikolu 73a tad-Direttiva tal-VAT, f'dan il-każ l-ammont taxxabbli għandu jkun ugwali għall-valur monetarju indikat fuq il-vawċer innifsu jew fid-dokumentazzjoni relatata, wara li jitnaqqas l-ammont tal-VAT relatat mal-oġġetti jew is-servizzi fornuti. Wara li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ġiet emendata kif xieraq, u daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2022, il-fajl ingħalaq.

---

18 Il-premessa 12 tad-Direttiva dwar il-Vawċers.

19 Il-kontroll tal-konformità jkopri biss il-miżuri ta' traspożizzjoni u mhux kwistjonijiet ta' applikazzjoni konkreta tal-liġi.

20 L-EU Pilot huwa mekkaniżmu għal djalogu informali bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat dwar kwistjonijiet relatati man-nuqqas ta' konformità potenzjali mad-dritt tal-UE. Dan jista' jintuża qabel ma titnieda proċedura formali ta' ksur.

Fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-UE, għall-ewwel darba[21], il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) trattat id-Direttiva dwar il-Vawċers fil-kawża *DSAB Destination Stockholm*[22], li kienet tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 30a tad-Direttiva tal-VAT fir-rigward ta' "kard tal-belt". Id-domanda magħmula kellha l-għan li tiddetermina jekk strument li jagħti lid-detentur id-dritt li juża diversi servizzi f'post partikolari, għal perjodu limitat u sa ċertu ammont, jistax jikkostitwixxi "vawċer" skont it-tifsira tal-Artikolu 30a(1) tad-Direttiva tal-VAT anke jekk, minħabba l-perjodu ta' validità limitat ta' dak l-istrument, konsumatur medju ma jistax jibbenefika mis-servizzi kollha offruti, u jekk tali strument jistax jikkostitwixxi MPV skont it-tifsira tal-Artikolu 30a(3) tad-Direttiva tal-VAT.

L-ewwel nett, il-QĠUE sabet li l-kundizzjonijiet biex jiġi kkwalifikat bħala vawċer skont l-Artikolu 30a dehru li ġew issodisfati (dment li jiġi aċċertat ukoll mill-qorti tar-rinviju). Hija ċċarat li ż-żewġ kundizzjonijiet huma kumulattivi: i) l-istrument irid jinvolvi obbligu li jiġi aċċettat bħala korrispettiv jew parzjalment korrispettiv għal forniment ta' oġġetti jew servizzi, u ii) l-istrument jew id-dokumentazzjoni relatata jridu jispeċifikaw l-oġġetti jew is-servizzi li għandhom jiġu fornuti jew l-identità tal-forniturі potenzjali tagħhom. Għall-kuntrarju, il-perjodu ta' validità tal-kard kkonċernata jew il-kapaċità li jittieħed vantaġġ mis-servizzi kollha koperti minn dik il-kard ma humiex elementi rilevanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' dik il-kard bħala "vawċer" skont it-tifsira tal-Artikolu 30a. It-tieni nett, ġie mfakkar li l-kard inkwistjoni tippermetti l-aċċess għal diversi provvisti ta' servizzi, li huma soġġetti għal rati differenti ta' VAT jew li huma eżentati mit-taxxa u li huwa impossibbli li jiġi previst minn qabel liema servizzi se jintgħażlu mid-detentur tal-kard. Peress li l-VAT dovut fuq dawn is-servizzi ma jkunx magħruf fil-mument tal-ħruġ ta' dan l-istrument, din ma tistax tiġi kkwalifikata bħala SPV. Il-QĠUE għalhekk sabet li l-istrument jikkostitwixxi MPV skont it-tifsira tal-Artikolu 30a(3) tad-Direttiva tal-VAT, peress li dan il-kunċett huwa residwu fil-kamp ta' applikazzjoni (il-vawċers kollha għajr l-SPVs jikkostitwixxu MPVs).

Aktar reċentement, is-sentenza tal-QĠUE fil-kawża *Finanzamt O (Bons à usage unique)*[23] enfasizzat fuq jekk katina ta' distribuzzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi li jaġixxu f'isimhom stess madwar l-UE qabel ma s-servizzi li jirreferi għalihom il-vawċer jiġu fornuti lill-konsumaturi finali tistax taffettwa l-kundizzjoni tal-eżistenza ta' SPV, jiġifieri li "*il-post tal-forniment tal-oġġetti jew servizzi li jirreferi għalihom il-vawċer, u l-VAT dovuta fuq dawk l-oġġetti jew is-servizzi, jkunu magħrufa fil-mument tal-ħruġ tal-vawċer*". Il-QĠUE ddeċidiet li l-klassifikazzjoni ta' vawċer bħala SPV skont it-tifsira tal-Artikolu 30a(2) tad-Direttiva tal-VAT tiddependi biss mill-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni, li jinkludu r-rekwiżit li l-post tal-forniment tas-servizzi lill-konsumaturi finali, li jirreferi għalih dak il-vawċer, irid ikun magħruf fil-mument tal-ħruġ ta' dak il-vawċer, irrispettivament mill-fatt li l-vawċer ikun is-suġġett ta' trasferimenti bejn persuni taxxabbli li jaġixxu f'isimhom stess u stabbiliti fit-territorju ta' Stati Membri għajr dak li fih ikunu jinsabu dawk il-konsumaturi finali. Essenzjalment, il-QĠUE sabet li t-trasferimenti suċċessivi ta' SPV magħmula minn persuni taxxabbli li jaġixxu f'isimhom stess, li għandhom jitqiesu bħala l-forniment li għalih jirreferi l-vawċer skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(1), ma jixħtux dubju fuq il-valutazzjoni li saret fiż-żmien tal-ħruġ tal-vawċer dwar jekk dak il-vawċer jikkwalifikax bħala SPV, u b'mod aktar speċifiku, dwar jekk il-post tal-forniment tas-servizzi li għalih jirreferi l-vawċer huwiex

[21] Il-QĠUE rreferiet ukoll għall-vawċers fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Novembru 2022, C-607/20, *GE Aircraft Engine Services,* EU:C:2022:884, għalkemm din trattat ir-regoli fis-seħħ qabel id-Direttiva dwar il-Vawċers.

[22] QĠUE, sentenza tat-28 ta' April 2022, *DSAB Destination Stockholm*, EU:C:2022:304.

[23] Sentenza tal-QĠUE tat-18 ta' April 2024, *Finanzamt O (Bons à usage unique)*, C-68/23, EU:C:2024:342.

magħruf fil-mument tal-ħruġ. Tabilħaqq, il-QĠUE nnotat li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(1) tad-Direttiva tal-VAT japplika biss għal vawċers li (diġà) jiġu kkwalifikati bħala SPV skont iż-żewġ kriterji kumulattivi stabbiliti fl-Artikolu 30a(2) li jridu jiġu vvalutati fiż-żmien tal-ħruġ tal-vawċer. Il-QĠUE nnotat li interpretazzjoni differenti kieku tagħmel il-kwalifika ta' vawċer (bħala SPV jew MPV) dipendenti minn jekk jiġix trasferit fi Stat Membru wieħed jew fi ħdan katina ta' distribuzzjoni transfruntiera. Dan imur kontra l-objettivi oriġinali tad-dispożizzjonijiet tal-VAT dwar il-vawċers li kellhom l-għan li jipprevjenu l-inkonsistenzi, it-tassazzjoni doppja jew in-nontassazzjoni u d-diskrepanzi bejn l-Istati Membri. Dan jagħmilha wkoll prattikament impossibbli li kwalunkwe vawċer jiġi kklassifikat bħala SPV.

Kwistjonijiet ta' interpretazzjoni u implimentazzjoni legali ġew diskussi wkoll mill-Kumitat tal-VAT f'diversi okkażjonijiet[24] bil-ħsieb li jikkontribwixxu għal applikazzjoni aktar uniformi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT, kif emendata mid-Direttiva dwar il-Vawċers.

B'mod partikolari, il-Kumitat tal-VAT analizza r-regoli tal-VAT dwar il-vawċers fir-rigward ta' karti tal-belt, strumenti ta' pagament u tokens ta' utilità, kif ukoll ir-relazzjoni tagħhom mal-iskemi speċjali u l-eżenzjonijiet tal-VAT (jiġifieri eżenzjonijiet mediċi), inklużi l-eżenzjonijiet speċifiċi stabbiliti għall-esportazzjoni ta' oġġetti.

Kif intwera appoġġ mill-maġġoranza tal-Istati Membri, il-Kumitat tal-VAT qabel ukoll dwar żewġ settijiet ta' linji gwida[25] dwar it-trattament tal-VAT ta' vawċers li, għalkemm m'humiex legalment vinkolanti għall-Istati Membri, jikkontribwixxu għal applikazzjoni aktar uniformi tar-regoli komuni dwar il-VAT[26].

Bl-ewwel sett ta' linji gwida[27], intlaħaq qbil dwar dan li ġej:

1. Minħabba li vawċer huwa strument fejn hemm obbligu li jiġi aċċettat bħala korrispettiv jew parzjalment korrispettiv għal forniment ta' oġġetti jew servizzi mal-fornitur(i) potenzjali speċifikat(i) fil-ħin tal-ħruġ, il-Kumitat tal-VAT jirrikonoxxi unanimament li jrid jitqies bħala strument bi skop limitat.

2. Il-Kumitat tal-VAT huwa tal-fehma kważi unanima li vawċer ma jistax jitqies bħala strument ta' pagament, peress li huwa strument li jikkostitwixxi l-korrispettiv bi skambju għal forniment ta' oġġetti jew servizzi inkorporati fih u mhux strument li għandu l-effett li jittrasferixxi fondi. Il-Kumitat tal-VAT għalhekk jaqbel kważi unanimament li t-tisrif ta' vawċer ma għandux jitqies bħala pagament iżda pjuttost, bħala l-eżerċizzju, ta' dritt li

[24] Fil-112-il laqgħa (*Dokument ta' Informazzjoni dwar it-trattament tal-VAT tal-"kards tal-belt" taxud.c.1(2019)2690215*), fil-114-il laqgħa (*Dokument ta' Ħidma Nru 983, Mistoqsijiet imqajma wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers, taxud.c.1(2019)7743273*), fil-116-il laqgħa (*Dokument ta' Ħidma Nru 993, Mistoqsijiet imqajma wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers — analiżi ulterjuri (taxud.c.1(2020)1245810*), fil-117-il laqgħa (*Dokument ta' Ħidma Nru 1001, Vawċers u l-Iskema ta' Esportazzjoni bl-Imnut u esportazzjonijiet ta' oġġetti, taxud.c.1(2020)6420470*), u fil-122 laqgħa (*Dokument ta' Ħidma Nru 1062, Vawċers fil-forma ta' Karti tal-Belt — segwitu, taxud.c.1(2023) 1892223*).

[25] Linji Gwida maqbula fil-116-il laqgħa, Dokument ta' Ħidma Nru 1043, Dokument B, taxud.c.1(2023)4439781 u Linji Gwida maqbula fil-122 laqgħa, Dokument ta' Ħidma Nru 1074, Dokument C, taxud.c.1(2024)438498.

[26] L-Artikolu 398 tad-Direttiva tal-VAT.

[27] Linji Gwida maqbula fil-116-il laqgħa, Dokument ta' Ħidma Nru 1043, Dokument B, taxud.c.1(2023)4439781.

jinkisbu l-oġġetti jew is-servizzi li għalihom jirreferi l-vawċer. F'dan ir-rigward, il-Kumitat tal-VAT jinnota, bi kważi unanimità, li d-detentur ta' vawċer huwa intitolat li jibbenefika mill-oġġetti jew mis-servizzi mat-tisrif tal-vawċer li l-fornitur huwa obbligat jaċċetta bħala korrispettiv.

3. Il-Kumitat tal-VAT jikkonferma b'unanimità li vawċer jikkwalifika biss bħala tali, jekk l-oġġetti jew is-servizzi li għandhom jiġu fornuti jew l-identitajiet tal-forniturі potenzjali tagħhom ikunu indikati jew fuq l-istrument innifsu jew f'dokumentazzjoni relatata, inklużi t-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu. Fir-rigward tat-tokens, li għadhom ma humiex parti minn suq regolat fl-UE u li n-natura tagħhom hija soġġetta għal bidla, il-Kumitat tal-VAT huwa tal-fehma unanima li, fil-prinċipju, dawn ma għandhomx jitqiesu bħala vawċers skont it-tifsira tad-Direttiva tal-VAT. Madankollu, il-Kumitat tal-VAT jaqbel b'mod unanimu li approċċ każ b'każ huwa xieraq meta jitqies jekk token jikkwalifikax bħala vawċer, skont il-kwalifika u l-użu speċifiċi tiegħu.

4. Il-Kumitat tal-VAT jaqbel kważi unanimament li d-dispożizzjonijiet tal-iskemi speċjali tal-VAT, bħal dawk applikabbli għall-impriżi żgħar, l-aġenti tal-ivvjaġġar jew l-oġġetti użati, ix-xogħlijiet tal-arti, l-oġġetti tal-kollezzjoni u l-antikitajiet, bħala eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali tal-VAT, għandhom jipprevalu fuq l-applikazzjoni tar-regoli li japplikaw għall-vawċers u regoli ġenerali oħra, fejn kwalunkwe waħda minn dawk ir-regoli tkun f'kunflitt mal-applikazzjoni korretta u l-objettivi tal-iskema speċjali. Il-Kumitat tal-VAT jaqbel kważi unanimament li n-natura ta' vawċer m'għandhiex tinbidel mill-fatt li l-persuna li toħroġ jew tittrasferixxi l-vawċer tissodisfa l-kundizzjonijiet biex tapplika skema speċjali.

Bit-tieni sett ta' linji gwida[28], intlaħaq qbil dwar dan li ġej:

1. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-637/20 *DSAB Destination Stockholm*, il-Kumitat tal-VAT jikkonferma b'mod unanimu li biex jiġi kklassifikat bħala vawċer skont l-Artikolu 30a, il-punt (1), tad-Direttiva tal-VAT, strument bħall-kard tal-belt (i) irid jinvolvi obbligu li jiġi aċċettat bħala korrispettiv jew parzjalment korrispettiv għal forniment ta' oġġetti jew servizzi, u (ii) l-oġġetti jew is-servizzi li għandhom jiġu fornuti jew l-identità tal-forniturі potenzjali tagħhom iridu jiġu speċifikati fil-kard tal-belt jew dokumenti relatati, inklużi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu. Il-Kumitat tal-VAT jikkonferma wkoll, b'unanimità, li dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi u jridu jiġu ssodisfati t-tnejn biex kwalunkwe strument jiġi kklassifikat bħala vawċer.

2. Minħabba li l-klassifikazzjoni ta' strument tiddependi minn ċirkostanzi fattwali, il-Kumitat tal-VAT jirrikonoxxi unanimament li mhux il-kards tal-belt kollha neċessarjament jikkwalifikaw bħala vawċer. Madankollu, il-Kumitat tal-VAT jaqbel kważi unanimament li kard tal-belt li tagħti lid-detentur tal-kard d-dritt li juża l-kard bħala kunsiderazzjoni għall-ammissjoni għal attrazzjonijiet magħżula li għandhom jiġu fornuti minn forniturі terzi

[28] Linji Gwida maqbula fil-122 laqgħa, Dokument ta' Ħidma Nru 1074, Dokument C, taxud.c.1(2024)438498.

maħtura u għall-aċċess għall-użu ta' karozzi tal-linja u dgħajjes turistiċi mogħtija mill-emittent tal-kard tal-belt f'post partikolari għal perjodu limitat u sa ammont stabbilit, għandha tikkwalifika bħala vawċer skont l-Artikolu 30a(1), tad-Direttiva tal-VAT.

3. Il-Kumitat tal-VAT jaqbel kważi b'mod unanimu li meta s-servizzi fornuti permezz ta' kard tal-belt ikunu soġġetti għal rati differenti tal-VAT jew parzjalment eżentati mit-taxxa sabiex il-VAT dovut fuq is-servizzi ma jkunx magħruf fiż-żmien li tinħareġ il-kard tal-belt, il-kard trid tiġi kklassifikata bħala vawċer b'użi multipli f'konformità mal-Artikolu 30a(3), tad-Direttiva tal-VAT. Jekk iva, il-Kumitat tal-VAT jaqbel kważi unanimament li l-ammont taxxabbli tal-provvista ta' servizzi fornuti f'dak ir-rigward għandu jkun daqs il-korrispettiv imħallas għall-kard tal-belt jew, fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar dak il-korrispettiv, il-valur monetarju indikat fuq il-kard tal-belt innifisha jew fid-dokumentazzjoni relatata, wara li jitnaqqas l-ammont tal-VAT relatat mas-servizzi fornuti.

4. Meta, kif inhu l-każ skont il-mudell tan-negozju eżaminat, is-servizzi jiġu fornuti kemm mill-emittent tal-kard tal-belt kif ukoll minn fornituri terzi, il-Kumitat tal-VAT jaqbel kważi b'mod unanimu li l-ammont taxxabbli tas-servizz fornut mill-emittent tal-kard tal-belt li jikkonsisti fit-tħaddim ta' karozzi tal-linja u dgħajjes turistiċi għall-użu mid-detentur tal-kard għandu jkun ugwali għall-korrispettiv imħallas għal dik il-kard tal-belt nieqes l-ammont tal-VAT, imnaqqas bi kwalunkwe ammont imħallas lil fornituri terzi għas-servizzi fornuti minnhom permezz tal-kard tal-belt inkwistjoni.

5. Skont il-mudell tan-negozju eżaminat fejn is-servizzi huma fornuti kemm mill-emittent tal-kard tal-belt kif ukoll minn fornituri terzi, il-Kumitat tal-VAT jaqbel kważi b'mod unanimu li fir-rigward ta' servizzi bħal ammissjoni f'mużewijiet u attrazzjonijiet jew viżiti pprovduti minn fornitur terz lid-detentur tal-karrd li għalih tintuża l-kard tal-belt bħala parzjalment korrispettiv, l-ammont taxxabbli għandu jkun il-valur monetarju tas-servizz fornut kif indikat fid-dokumentazzjoni relatata, nieqes l-ammont tal-VAT relatat ma' dak is-servizz. Meta l-ftehim bejn l-emittent tal-kard tal-belt u l-fornitur terz jistipula li l-valur monetarju tas-servizz jammonta għal perċentwal tal-prezz normali tiegħu, il-Kumitat tal-VAT jaqbel kważi b'mod unanimu li dan it-tnaqqis għandu jitqies bħala skont fil-prezz miksub fiż-żmien tal-forniment.

4. VALUTAZZJONI TAR-REGOLI ATTWALI

Il-valutazzjoni li ġejja hija bbażata fuq informazzjoni miksuba mill-Istati Membri permezz ta' stħarriġ li sar bejn is-27 ta' Marzu u d-9 ta' Ġunju 2023 li l-Istati Membri kollha wieġbu għalih.

L-istħarriġ kien fih 45 mistoqsija magħluqa u 22 mistoqsija miftuħa dwar: i) valutazzjoni ġenerali tal-impatti tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers fuq erba' sena mill-adozzjoni tagħha, u ii) kwistjonijiet speċifiċi relatati mad-definizzjoni ta' vawċers, id-distinzjoni bejn SPVs u MPVs, it-trasferiment tagħhom, l-ammonti taxxabbli, il-vawċers ta' skont u l-vawċers li ma jkunux issarfu (għal rapport dettaljat tar-riżultati tal-istħarriġ ara l-Anness — rapport fil-qosor).

Il-valutazzjoni ġenerali wriet li **l-maġġoranza tal-Istati Membri ma kellhomx biżżejjed informazzjoni biex iwieġbu għall-biċċa l-kbira tal-mistoqsijiet** iżda, sa fejn l-informazzjoni kienet disponibbli, **ir-regoli tal-VAT dwar il-vawċers huma meqjusa li ġeneralment laħqu l-objettivi tagħhom u bħala fil-biċċa l-kbira rilevanti**. Fir-rigward tat-tieni parti tal-

valutazzjoni, wasal **feedback pożittiv ġenerali** rigward id-dispożizzjonijiet li jirregolaw **id-definizzjoni** ta' vawċers u **t-trasferiment** tagħhom **filwaqt li xi ftit Stati Membri qajmu kwistjonijiet speċifiċi** li, madankollu, kienu jikkonċernaw prinċipalment l-applikazzjoni tar-regoli kif inhuma u li diġà kienu s-suġġett ta' diskussjonijiet fil-Kumitat tal-VAT jew ta' sentenzi tal-QĠUE.

4.1 Valutazzjoni ġenerali

L-effettività

L-analiżi wriet li **r-regoli tal-VAT dwar il-vawċers fil-biċċa l-kbira jilħqu l-objettivi tagħhom**.

Kif imsemmi fit-Taqsima 1, l-għan tad-Direttiva dwar il-Vawċers kien is-simplifikazzjoni, il-modernizzazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli tal-VAT li japplikaw għall-vawċers[29], u b'mod partikolari biex "*jiġi żgurat trattament ċert u uniformi, sabiex ikun konsistenti mal-prinċipji ta' taxxa ġenerali fuq il-konsum li tkun eżattament proporzjonata mal-prezz tal-oġġetti u s-servizzi, biex jiġu evitati l-inkonsistenzi, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, it-tassazzjoni doppja jew in-nontassazzjoni u biex jitnaqqas ir-riskju tal-evażjoni tat-taxxa*"[30].

Abbażi tat-tweġibiet għall-istħarriġ[31], **il-maġġoranza tal-Istati Membri qablu** li l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers matul l-ewwel erba' snin wasslet, tal-inqas parzjalment, għal i) **konformità aktar sempliċi**, u ii) **rekwiżiti aktar uniformi**.

Barra minn hekk, il-kontroll tal-konformità mwettaq mid-DĠ TAXUD, kif muri fit-Taqsima 3, għalkemm limitat għal aspetti formali tal-leġiżlazzjoni, ma sab l-ebda problema kbira bit-traspożizzjoni tar-regoli dwar il-vawċers mill-Istati Membri.

Il-ħidma li saret matul dawn l-aħħar ftit snin fil-kuntest tal-Kumitat tal-VAT li wasslet għal qbil dwar żewġ settijiet ta' linji gwida[32], kompliet tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-objettiv tal-armonizzazzjoni.

Dwar jekk ir-regoli tal-VAT dwar il-vawċers indirizzawx **kwistjonijiet relatati mal-frodi, il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri ma kellhomx biżżejjed informazzjoni**. Bi tweġiba għall-mistoqsijiet miftuħa tal-istħarriġ, **minoranza biss ta' Stati Membri** ġibdu l-attenzjoni għal **kwistjonijiet** potenzjali **ta' abbuż**. Skont Stat Membru wieħed, il-vawċers jistgħu jintużaw għall-ħasil tal-flus u hemm riskju ta' abbuż fil-possibbiltà li persuni taxxabbli jikkonfiguraw vawċer bħala SPV jew MPV. Dan ir-riskju ta' abbuż, minħabba l-linja ta' diviżjoni rqiqa bejn l-SPVs u l-MPVs, ġie indikat ukoll minn Stat Membru ieħor li skontu l-introduzzjoni ta' preżunzjoni legali li l-oġġetti jitqiesu li ġew fornuti jew is-servizzi pprovduti meta jinħareġ SPV toħloq ukoll opportunità għall-frodaturi. Skont Stat Membru ieħor, il-persuni taxxabbli jistgħu jibdlu l-mudell tan-negozju tagħhom wara li joħorġu vawċer sabiex ikun jista' jikkwalifika bħala MPV. Żewġ Stati Membri oħra kkonfermaw li l-emittenti

[29] Il-premessa 13 tad-Direttiva dwar il-Vawċers.
[30] Il-premessa 2 tad-Direttiva dwar il-Vawċers.
[31] Ara l-Anness tar-rapport fil-qosor tat-tweġibiet għall-istħarriġ.
[32] Linji gwida maqbula fil-116-il laqgħa, Dokument ta' Ħidma Nru 1043, Dokument B, taxud.c.1(2023)4439781 u linji gwida maqbula fil-122 laqgħa, Dokument ta' Ħidma Nru 1074, Dokument C, taxud.c.1(2024)438498.

għandhom it-tendenza li jestendu l-firxa ta' oġġetti u servizzi rimborżabbli soġġetti għal rati tat-taxxa differenti sabiex vawċer jiġi kkwalifikat bħala MPV minflok bħala SPV.

L-effiċjenza

L-analiżi wriet li **l-Istati Membri ma għandhomx biżżejjed informazzjoni** biex jistabbilixxu jekk ir-regoli tal-VAT dwar il-vawċers irriżultawx f'titjib jew telf fl-effiċjenza.

Mill-istħarriġ, tabilħaqq, **il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri/kważi l-Istati Membri kollha ma kellhomx biżżejjed informazzjoni** dwar jekk, matul l-ewwel erba' snin, ir-regoli tal-VAT dwar il-vawċers irriżultawx fit-tnaqqis tal-kostijiet amministrattivi għall-kumpaniji li joħorġu u/jew jittrasferixxu SPVs jew MPVs u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa/doganali.

It-tweġibiet għall-mistoqsijiet miftuħa tal-istħarriġ juru li l-biċċa l-kbira tal-problemi mqajma bl-amministrazzjoni tar-regoli l-ġodda, kemm għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll għall-persuni taxxabbli, kienu relatati mal-kwalifika ta' ċerti strumenti (eż. karti tal-belt jew tokens), u d-distinzjoni bejn SPVs u MPVs. Kwistjonijiet oħra kienu jikkonċernaw id-determinazzjoni tal-ammont taxxabbli tal-MPVs u t-trasferiment tagħhom (eż. servizzi ta' distribuzzjoni u MPVs li jkunu ssarfu). Madankollu, dawn tqajmu minn minoranza ta' Stati Membri u kienu jikkonċernaw suġġetti li diġà qed jiġu diskussi mill-Kumitat tal-VAT, kollha jirreferu għal aspetti tal-applikazzjoni tar-regoli attwali.

Rilevanza

Sa fejn l-informazzjoni hija disponibbli għall-Istati Membri, l-analiżi wriet li **r-regoli attwali huma meqjusa l-aktar rilevanti.**

Fl-istħarriġ, tabilħaqq, **il-maġġoranza tal-Istati Membri qablu** li l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers matul l-ewwel erba' snin kienet wasslet, tal-inqas parzjalment, għal **regoli tal-VAT** dwar il-vawċers li kienu **adattati għal diversi mudelli ta' negozju.**

Kważi nofs l-Istati Membri qablu wkoll li l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers kienet wasslet, tal-inqas parzjalment, għal **regoli tal-VAT li kienu adatti biex jittrattaw mudelli ta' negozju ġodda u futuri. In-nofs l-ieħor** (ħlief wieħed[33]) tal-Istati Membri **ma kellhomx biżżejjed informazzjoni** biex ikunu jistgħu jesprimu l-fehma tagħhom dwar dan.

Kważi nofs[34] l-Istati Membri qablu li l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers kienet wasslet, tal-inqas parzjalment, għal **regoli tal-VAT li kienu adatti biex jittrattaw sitwazzjonijiet transfruntiera.** Dwar dan, **nofs l-Istati Membri ma kellhomx biżżejjed informazzjoni**.

F'dan ir-rigward, bi tweġiba għall-mistoqsijiet miftuħa tal-istħarriġ, minoranza biss tal-Istati Membri semmew id-distinzjoni bejn vawċers u strumenti ġodda oħra (bħal tokens, ċwievet tal-logħob) u l-kummerċ transfruntier tal-vawċers bħala sors possibbli ta' problemi. Filwaqt li dwar id-distinzjoni bejn strumenti differenti, kif imsemmi hawn fuq, hemm diskussjonijiet

[33] L-Istat Membru inkwistjoni wieġeb "lanqas xejn".
[34] Żewġ Stati Membri wieġbu "lanqas xejn".

għaddejjin fil-Kumitat tal-VAT, dwar il-kummerċ transfruntier tal-vawċers inħarġet sentenza reċenti mill-QĠUE[35].

Il-koerenza

L-analiżi wriet li r-regoli tal-VAT dwar il-vawċers huma **konformi mal-prinċipji tas-sistema tal-VAT**.

Kif issemma qabel, wieħed mill-objettivi tad-Direttiva dwar il-Vawċers kien li tiġi żgurata l-konsistenza mal-prinċipji ta' taxxa ġenerali fuq il-konsum eżattament proporzjonali għall-prezz tal-oġġetti u s-servizzi.

Dan huwa żgurat għall-SPVs bir-regola li[36] skontha kull **trasferiment ta' SPV** irid jitqies bħala forniment tal-oġġetti jew tas-servizzi sottostanti, filwaqt li l-forniment attwali ta' oġġetti jew servizzi bi skambju għall-SPV ma jitqiesx bħala tranżazzjoni indipendenti. Din ir-regola tapplika peress li għal dawn il-vawċers, il-post tal-forniment u l-VAT dovuta fir-rigward tal-oġġetti jew is-servizzi sottostanti jkunu magħrufa fil-mument tal-ħruġ. Dan huwa wkoll koerenti mal-finzjoni legali tal-Artikolu 28 tad-Direttiva tal-VAT, li skontha persuna taxxabbli, li tieħu sehem f'forniment ta' servizzi, għandha titqies li rċeviet u pprovdiet is-servizzi inkwistjoni meta taġixxi f'isimha stess iżda f'isem persuna oħra. Skont l-Artikolu 73 tad-Direttiva tal-VAT, l-ammont taxxabbli ta' SPV huwa l-prezz sħiħ miksub bi skambju għal dak l-SPV (inkluż kwalunkwe servizz ta' intermedjazzjoni).

Il-konsistenza mas-sistema tal-VAT hija żgurata wkoll **mir-regola[37] li tapplika għall-MPVs**, li skontha l-VAT fuq l-oġġetti u s-servizzi sottostanti tiġi imposta biss fil-mument li jissarrfu. Dan japplika għaliex għall-MPVs huwa meħtieġ li wieħed jistenna sakemm l-oġġetti jew is-servizzi jiġu effettivament fornuti sabiex ikun jaf il-VAT dovuta. Dan jiżgura li t-trattament tat-taxxa tat-tranżazzjoni jkun l-istess irrispettivament minn jekk l-oġġetti jew is-servizzi jiġux fornuti permezz tal-użu ta' vawċer. Il-kalkolu tal-ammont taxxabbli skont ir-regola speċjali fl-Artikolu 73a tad-Direttiva tal-VAT jiżgura wkoll konsistenza mal-prinċipju tal-VAT li skontu l-ammont taxxabbli għall-VAT li għandu jingħabar mill-awtoritajiet tat-taxxa ma jistax jaqbeż il-korrispettiv effettivament imħallas mill-konsumatur finali[38]. Għal din ir-raġuni, l-ammont taxxabbli huwa ugwali għall-korrispettiv imħallas, meta jkun magħruf, jew inkella għall-valur monetarju indikat fuq l-MPV jew f'dokumentazzjoni relatata, mingħajr il-VAT fuq l-oġġetti jew is-servizzi fornuti.

Meta **t-trasferiment ta' MPV** isir minn persuna taxxabbli għajr il-fornitur attwali tal-oġġetti jew tas-servizzi, il-VAT għandha tiġi imposta fuq kwalunkwe forniment ta' servizzi ta' distribuzzjoni jew promozzjoni tul il-katina. Dan huwa wkoll konformi mas-sistema tal-VAT, li tiżgura li t-totalità tal-operazzjonijiet taxxabbli assoċjati ma' MPV — id-distribuzzjoni tagħha u l-forniment tal-oġġetti jew is-servizzi sottostanti — tiġi ntaxxata b'mod komprensiv, newtrali u trasparenti. L-ammont taxxabbli ta' dawn is-servizzi għandu jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 73 tad-Direttiva tal-VAT.

---

35 Sentenza tal-QĠUE tat-18 ta' April 2024, *Finanzamt O (Bons à usage unique)*, C-68/23, EU:C:2024:342.

36 L-Artikolu 30b(1) tad-Direttiva tal-VAT

37 L-Artikolu 30b(2) tad-Direttiva tal-VAT

38 Il-QĠUE, is-sentenza tal-24 ta' Ottubru 1996 fil-Kawża C-317/94, *Elida Gibbs*, EU:C:1996:400, il-paragrafu 19.

Il-konsistenza mas-sistema tal-VAT hija żgurata wkoll meta, kif miftiehem mill-Kumitat tal-VAT, i) id-dispożizzjonijiet **tal-iskemi speċjali tal-VAT**, bħal dawk applikabbli għal impriżi żgħar, aġenti tal-ivvjaġġar jew oġġetti użati, xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet, peress li huma eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali tal-VAT, għandhom jipprevalu fuq l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-vawċers u regoli ġenerali oħra, fejn kwalunkwe waħda minn dawk ir-regoli tkun f'kunflitt mal-applikazzjoni korretta u l-objettivi tal-iskema speċjali u ii) in-natura ta' vawċer ma għandhiex tinbidel mill-fatt li l-persuna li toħroġ jew tittrasferixxi l-vawċer tissodisfa l-kundizzjonijiet biex tapplika skema speċjali.

Fir-rigward tal-interazzjoni tar-regoli tal-VAT dwar vawċers **ma' inizjattivi oħra ta' politika,** il-proposta inizjali tal-Kummissjoni dwar it-trattament tal-VAT tal-vawċers iċċarat li *[]servizz ta' ħlas fit-tifsira tad-Direttiva 2007/64/KE*[39] *ma għandux jitqies bħala vawċer*. Għalkemm din id-dispożizzjoni tħalliet barra meta r-regoli ġew adottati fil-Kunsill, wara li ntlaħaq qbil dwar żewġ dokumenti[40] l-linji gwida tal-Kumitat tal-VAT li għall-finijiet tal-VAT "***vawċer*** *ma jistax jitqies bħala strument ta' ħlas minħabba li huwa strument li jikkostitwixxi l-korrispettiv bi skambju għall-forniment ta' oġġetti jew servizzi inkorporati fihom u* ***mhux strument li għandu l-effett li jittrasferixxi fondi***". Id-detentur ta' vawċer huwa tabilħaqq intitolat li jibbenefika mill-oġġetti jew mis-servizzi mat-tisrif tal-vawċer li l-fornitur huwa obbligat jaċċetta bħala korrispettiv. Dawn il-konklużjonijiet intlaħqu mill-Kumitat tal-VAT ukoll abbażi tad-definizzjoni skont id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament (PSD2)[41] ta' "**strument ta' pagament**" li tfisser apparat(i) personalizzat(i) u/jew sett ta' proċeduri miftiehma bejn l-utent ta' servizzi ta' pagament u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament u **użati sabiex tinbeda ordni ta' pagament**.

Il-valur miżjud tal-UE

Kif imsemmi qabel, id-Direttiva dwar il-Vawċers għandha l-għan li tiċċara u tarmonizza r-regoli dwar it-trattament tal-VAT tal-vawċers li fin-nuqqas tagħhom l-Istati Membri kienu żviluppaw soluzzjonijiet mhux koordinati, li jwasslu għal riskji ta' tassazzjoni doppja jew nontassazzjoni, evitar tat-taxxa u ostakli għall-innovazzjoni tan-negozju.

Il-problemi indirizzati mid-Direttiva dwar il-Vawċers għandhom dimensjoni tas-Suq Uniku peress li n-nuqqas ta' trattament uniformi tal-VAT tal-vawċers madwar l-UE jista' jirriżulta f'distorsjonijiet li s-sistema komuni tal-VAT tal-UE għandha tipprevjeni billi tiżgura l-funzjonament xieraq tas-suq. Dawn il-problemi ma setgħux jiġu indirizzati mill-Istati Membri waħedhom. **F'dan l-isfond, il-valur miżjud tal-UE ġie żgurat mir-regoli attwali.**

Madankollu, fit-tweġibiet għall-istħarriġ, ma ġiet espressa l-ebda opinjoni ċara f'dan ir-rigward. **Kważi nofs**[42] l-Istati Membri qablu li r-regoli tal-VAT dwar il-vawċers **ipprovdew**

---

[39] Sussegwentement imħassra u sostitwita bid-Direttiva 2015/2366 (id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament — PSD2).

[40] Il-114-il laqgħa tal-Kumitat tal-VAT, Dokument ta' Ħidma Nru 983, Mistoqsijiet imqajma wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers (taxud.c.1(2019)7743273), il-116-il laqgħa tal-Kumitat tal-VAT, Dokument ta' Ħidma Nru 993, Mistoqsijiet imqajma wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers — analiżi ulterjuri (taxud.c.1(2020)1245810).

[41] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

[42] Tliet Stati Membri wieġbu "lanqas xejn".

benefiċċji lill-amministrazzjoni tat-taxxa/doganali, tal-anqas parzjalment, għalkemm kważi nofs l-Istati Membri ma kellhomx biżżejjed informazzjoni dwar dan.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri ma kellhomx biżżejjed informazzjoni dwar jekk ir-regoli tal-VAT dwar il-vawċers ipprovdewx **benefiċċji lis-settur**. Bl-istess mod, il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri/kważi l-Istati Membri kollha ma kellhomx biżżejjed informazzjoni dwar jekk dawn ir-regoli kinux irriżultaw f'żieda **fil-kummerċ domestiku jew transfruntier tal-vawċers.**

4.2 Valutazzjoni ta' suġġetti speċifiċi

Minbarra l-valutazzjoni ġenerali dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT fir-rigward tat-trattament tal-VAT tal-vawċers, twettqet valutazzjoni speċifika speċjalment dwar id-definizzjoni tal-vawċers, ir-regoli tal-VAT relatati mat-tassazzjoni tal-vawċers fil-katina tad-distribuzzjoni u fuq vawċers li ma jkunux issarfu.

Kif irriżulta mill-istħarriġ, wasal **feedback pożittiv ġenerali** rigward id-dispożizzjonijiet li jirregolaw **id-definizzjoni** tal-vawċers u **t-trasferiment** tagħhom.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri qablu/qablu ħafna li d-dispożizzjonijiet dwar id-definizzjoni ġenerali ta' vawċer, dwar id-definizzjoni ta' SPVs u d-distinzjoni tagħhom minn MPVs u dwar it-trasferiment ta' SPVs u MPVs i) **huma ċari u faċli biex jiġu applikati** u jippermettu lill-amministrazzjoni nazzjonali tipprovdi gwida ċara lill-persuni taxxabbli f'sitwazzjonijiet individwali u ii) **huma ċari għall-persuni taxxabbli** sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom[43]. Il-maġġoranza tal-Istati Membri qablu wkoll li dawn id-dispożizzjonijiet ippermettew lill-amministrazzjoni nazzjonali **tinforza r-regoli applikabbli**.

Fir-rigward **tad-distribuzzjoni ta' MPVs**, li għalihom ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika fid-Direttiva dwar il-Vawċers, **il-maġġoranza tal-Istati Membri qablu** li d-distribuzzjoni minn persuna taxxabbli, minbarra l-emittent tal-vawċer, hija forniment ta' servizzi għall-finijiet tad-Direttiva tal-VAT u li l-ammont taxxabbli ta' tali servizz ta' distribuzzjoni huwa ugwali għad-differenza bejn il-valur nominali tal-vawċer u l-prezz tax-xiri mħallas, nieqes l-ammont tal-VAT relatat mas-servizz ta' distribuzzjoni fornut. Fir-rigward tal-"**vawċers ta' skont**", li fuqhom id-Direttiva dwar il-Vawċers lanqas ma tinkludi xi regola speċifika, **nofs/il-maġġoranza tal-Istati Membri ma kellhomx biżżejjed informazzjoni** biex jesprimu opinjoni dwar jekk id-distribuzzjoni tagħhom minn persuna taxxabbli, minbarra l-emittent tal-vawċer, hijiex il-forniment ta' servizz ta' tisrif jekk il-persuna taxxabbli li tipprovdi l-oġġetti jew is-servizzi li għalihom jirreferi l-vawċer tirċievi korrispettiv mingħand l-emittent[44] u dwar x'inhu l-ammont taxxabbli ta' dak is-servizz ta' distribuzzjoni.

---

[43] B'eċċezzjoni waħda. Mhux il-maġġoranza iżda kważi nofs l-Istati Membri qablu li d-dispożizzjonijiet dwar "fornitur preżunt" relatati mat-trasferimenti ta' SPV huma ċari għall-persuni taxxabbli, li huma l-forniturі ta' oġġetti/servizzi u ma humiex il-persuni taxxabbli li, filwaqt li jaġixxu f'isimhom stess, ħarġu l-SPV, sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom.

[44] Madankollu, skont għaxar Stati Membri t-tweġiba kienet "iva".

Fir-rigward **tal-vawċers li ma jkunux issarfu**, li għalihom għal darb'oħra ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika fid-Direttiva dwar il-Vawċers, l-Istati Membri huma **maqsuma** dwar liema **gwida** speċifika dwar it-trattament tal-VAT tagħhom ġiet ipprovduta.

Bi tweġiba għall-mistoqsijiet miftuħa tal-istħarriġ (ara l-Anness tar-rapport fil-qosor), **minoranza biss tal-Istati Membri qajmu kwistjonijiet speċifiċi** bl-applikazzjoni tar-regoli attwali. Il-problemi ewlenin identifikati kienu relatati ma' kwistjonijiet **li diġà qed jiġu diskussi mill-Kumitat tal-VAT** bħall-kwalifika ta' strument bħala vawċer u mbagħad, ladarba l-eżistenza ta' vawċer tkun ġiet stabbilita, sad-distinzjoni bejn SPVs u MPVs. Kwistjonijiet oħra **kienu relatati mal-applikazzjoni tar-regoli attwali**, bħall-kummerċ transfruntier f'vawċers (li reċentement kien l-enfasi ta' sentenza mill-QĠUE) u l-kalkolu tal-ammont taxxabbli, speċjalment għat-tisrif ta' MPVs u servizzi ta' distribuzzjoni relatati, jew relatati ma' aspetti mhux regolati tal-leġiżlazzjoni, bħat-trattament ta' vawċers li ma jkunux issarfu. Sommarju ta' dawk l-aktar rilevanti huwa stabbilit hawn taħt.

Definizzjoni u kwalifika tal-vawċer

- **It-tisrif transfruntier u d-distribuzzjoni tal-vawċers** tqajmu minn seba' Stati Membri. Ħames Stati Membri semmew il-problema tal-kwalifika ta' vawċer bħala SPV fejn huma involuti tranżazzjonijiet transfruntiera (dwar id-diffikultà fid-distinzjoni bejn SPVs u MPVs, issemmiet il-kawża *Finanzamt O (Bons à usage unique*)). Minn dawn l-Istati Membri, tnejn semmew il-kwistjoni ta' bidla statutorja fir-rata tat-taxxa jew bidla fil-post tal-forniment wara li jinħareġ SPV. Ieħor minnhom staqsa jekk il-kwalifika ta' vawċer bħala SPV tistax tiġi affettwata mill-fatt li l-marġnijiet jiġu mħallsa tul katina ta' distribuzzjoni sabiex l-ammont taxxabbli jinbidel. Fl-aħħar nett, żewġ Stati Membri fakkru rispettivament fl-importanza tal-kwalifika korretta tal-istrument fil-kuntest tat-trasferiment tiegħu u l-kumplessità li jiffaċċjaw il-persuni taxxabbli fir-rigward tal-SPVs involuti f'katina ta' provvisti.

- Il-kwalifika ta' **kard tal-belt** tqajmet minn sitt Stati Membri (dan kien, madankollu, l-aktar qabel ma ntlaħaq qbil dwar sett ta' linji gwida[45] dwar kwistjonijiet relatati fil-kuntest tal-Kumitat tal-VAT — Taqsima 3). Skont żewġ Stati Membri, il-kawża DSAB Destination Stockholm wasslet għal mistoqsijiet ġodda dwar x'inhi d-definizzjoni ta' vawċer. Skont Stat Membru ieħor, strument li jirrappreżenta biss abbonament b'rata fissa (użu illimitat ta' servizz f'ċertu perjodu) ma għandux jikkostitwixxi vawċer. Stat Membru wieħed irrefera għad-diskussjonijiet fil-Kumitat tal-VAT dwar il-karti tal-belt fir-rigward tad-diffikultajiet dwar ir-regoli applikabbli dwar it-trasferimenti tal-MPVs. Żewġ Stati Membri semmew id-diffikultà li ssir distinzjoni bejn SPVs u MPVs (wieħed minnhom ukoll bejn il-forniment ta' servizzi) f'dak li għandu x'jaqsam mal-karti tal-belt.

- Il-kwalifika **tat-tokens** tqajmet minn ħames Stati Membri. F'dan ir-rigward, il-Kumitat tal-VAT fil-linji gwida tiegħu kien tal-fehma li, fil-prinċipju, it-tokens ma għandhomx jitqiesu bħala vawċers skont it-tifsira tad-Direttiva tal-VAT, għalkemm approċċ ta' każ b'każ huwa xieraq meta jitqies jekk token jikkwalifikax bħala vawċer. Fl-istħarriġ, żewġ Stati Membri indikaw li approċċ każ b'każ jista' jwassal għal applikazzjoni mhux armonizzata tar-regoli u ma jiggarantixxix ċertezza legali, u tliet Stati Membri semmew tokens/game keys, kodiċijiet ta' attivazzjoni tal-logħob mibjugħa minn pjattaformi elettroniċi u "tokens tas-

[45] Linji Gwida maqbula fil-122 laqgħa, Dokument ta' Ħidma Nru 1074, Dokument C, taxud.c.1(2024)438498.

servizzi tal-ICO[46]" fil-kuntest tad-diffikultajiet biex jiġu kkwalifikati l-vawċers u ssir distinzjoni bejn SPVs u MPVs.

- **Il-karti ta' skont** issemmew minn ħames Stati Membri. Skont wieħed minnhom, kard li ma tintitolax li wieħed jirċievi oġġetti jew servizzi speċifiċi iżda li tagħti biss l-opportunità li jinkiseb skont m'għandhiex tiġi kkwalifikata bħala vawċer. Stat Membru ieħor sab diffikultajiet fil-kwalifika ta' strumenti bi skop imħallat li jaġixxu kemm bħala vawċers kif ukoll bħala karti ta' skont. Tliet Stati Membri sabuha diffiċli biex jiddistingwu bejn vawċer u kard ta' skont.

- **Il-pagamenti antiċipati** ssemmew minn erba' Stati Membri. Stat Membru wieħed qajjem il-kwistjoni tal-kwalifika ta' pagamenti antiċipati bħala SPVs, MPVs jew il-forniment ta' servizzi. Ieħor staqsa jekk prova ta' pagament antiċipat tistax tikkostitwixxi vawċer. It-tielet Stat Membru pprovda l-eżempju ta' prenotazzjoni b'pagament antiċipat li tista' tiġi modifikata sa xahar qabel il-bidu ta' soġġorn u staqsa jekk dan jistax jikkostitwixxi MPV. Fl-aħħar nett, Stat Membru indika li meta SPV jiġi ttrasferit, il-pagament jista' jiġi trattat b'mod żbaljat bħala pagament antiċipat għall-forniment.

- Il-kwalifika ta' **strument ta' pagament** tqajmet minn erba' Stati Membri. Kif imsemmi qabel, wara żewġ dokumenti[47] u diskussjonijiet fil-Kumitat tal-VAT, intlaħaq qbil dwar linji gwida li vawċer ma jistax jitqies bħala strument ta' pagament. Fl-istħarriġ, tliet Stati Membri semmew id-distinzjoni diffiċli bejn vawċers u strumenti ta' pagament, filwaqt li Stat Membru wieħed ta l-eżempju ta' "punti użati fi ħdan sistema ta' tpartit" u jekk għandhomx jitqiesu bħala strumenti ta' pagament jew vawċers.

- **Karti tar-rigali, karti tal-logħob tobrox u vawċers imħallsa minn qabel** issemmew minn tliet Stati Membri b'mod partikolari fir-rigward tad-diffikultà ta' kards tar-rigali kwalifikanti (inklużi dawk li jirriżultaw minn xiri preċedenti), kards imħallsa minn qabel maħruġa minn "teleoperaturi", kards tal-fjuwil imħallsa minn qabel, karti tal-logħob li tobrox u kupuni li jintitolaw li jinġabru oġġetti mingħajr ħlas.

- Il-kwalifika tal-**biljetti** tqajmet minn żewġ Stati Membri b'mod partikolari fir-rigward tal-premessa 5 tad-Direttiva dwar il-Vawċers li tiċċara li d-dispożizzjonijiet dwar il-vawċers ma għandhom iwasslu għall-ebda bidla fit-trattament tal-VAT tal-biljetti tat-trasport, il-biljetti tad-dħul għaċ-ċinema u l-mużewijiet, il-bolol postali jew simili.

- Ir-relazzjoni ma' **skemi speċjali u eżenzjonijiet** tqajmet minn żewġ Stati Membri speċjalment dwar jekk il-preżenza fil-katina tal-provvista ta' intrapriża żgħira u ta' daqs medju (SME) eżentata jew, għall-kuntrarju, ta' persuna taxxabbli li ma jkollhiex il-kwalifika personali għal eżenzjoni mill-VAT (eż. servizzi mediċi) tistax tbiddel in-natura ta' vawċer u dwar il-kwalifika ta' vawċer bħala SPV meta tkun tista' tapplika eżenzjoni possibbli għal vjaġġaturi mhux mill-UE.

[46] ICO tirreferi għall-offerta inizjali tal-muniti.

[47] Dokumenti ta' ħidma Nru 983, Mistoqsijiet imqajma wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers, taxud.c.1(2019)7743273 u Nru 993, Mistoqsijiet imqajma wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers — analiżi ulterjuri, taxud.c.1(2020)1245810.

Ir-regoli tal-VAT dwar it-tassazzjoni tal-vawċers fil-katina tad-distribuzzjoni:

Trasferiment ta' SPVs

- **Trasferiment f'isem il-persuna stess**. Tliet Stati Membri semmew problemi biex jidentifikaw jekk persuna taxxabbli tul katina ta' distribuzzjoni taġixxix f'isimha stess.

- **It-trasferiment f'isem persuna taxxabbli oħra** ssemma minn erba' Stati Membri, inklużi d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom bl-obbligi tat-taxxa fl-Istat Membru tat-tisrif tal-vawċer, bid-determinazzjoni tal-ammont taxxabbli tas-servizz ipprovdut (u lil min għandhom jiġu fatturati t-tariffi) u bid-determinazzjoni taż-żmien tal-forniment.

- **Ir-relazzjoni ma' skemi speċjali relatati mat-trasferimenti ta' SPV** issemmiet minn żewġ Stati Membri fir-rigward ta' jekk il-provvista ta' SPV għandhiex tiġi ntaxxata meta l-emittent u/jew min isarraf ikunu eżentati taħt l-iskema tal-SMEs u l-problema ta' nuqqas ta' tnaqqis tat-taxxa fuq ix-xiri fil-każ ta' SME eżentata fil-katina tad-distribuzzjoni.

- **Ir-regola tal-fornitur preżunt relatata mat-trasferimenti ta' SPV** issemmiet minn żewġ Stati Membri fir-rigward tal-isfidi biex tiġi applikata din ir-regola u l-interpretazzjonijiet differenti tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa fuq l-ammont taxxabbli tal-forniment magħmul mill-fornitur preżunt u l-obbligi tal-fatturazzjoni li jirriżultaw.

Distribuzzjoni ta' MPVs

- **Il-bażi taxxabbli tas-servizzi ta' distribuzzjoni** tqajmet minn sitt Stati Membri li jindikaw, b'mod partikolari, id-diffikultà fil-kalkolu tal-bażi taxxabbli meta l-korrispettiv ma jiġix fatturat separatament jew jekk, tul il-katina, il-vawċer jiġi distribwit bi prezz taħt il-valur nominali tiegħu. Ġie ċċarat ukoll li r-regola dwar id-differenza bejn il-valur nominali u l-prezz tax-xiri mħallas, nieqes l-ammont tal-VAT relatat mas-servizz ta' distribuzzjoni pprovdut, tapplika jekk ma tkun ġiet stabbilita l-ebda tariffa separata għas-servizz.

- **Id-distinzjoni bejn provvisti differenti** tqajmet minn tliet Stati Membri u semmiet, b'mod partikolari, id-diffikultà li ssir distinzjoni bejn il-provvista ta' MPV innifsu u l-forniment ta' servizz ta' distribuzzjoni magħmul f'isem persuna taxxabbli oħra.

- **L-aġir f'isem ħaddieħor** tqajmet minn żewġ Stati Membri fir-rigward, b'mod partikolari, tal-kwistjoni li jiġi ddeterminat għal min huma pprovduti s-servizzi f'katina ta' distribuzzjoni b'intermedjarji multipli.

- **L-obbligi tal-fatturazzjoni** tqajmu minn żewġ Stati Membri.

Ammont taxxabbli mat-tisrif ta' MPVs

Bi tweġiba għall-mistoqsijiet magħluqa tal-istħarriġ, **il-maġġoranza tal-Istati Membri qablu/qablu ħafna li d-dispożizzjonijiet dwar l-ammont taxxabbli tal-forniment ta' oġġetti jew servizzi fornuti fir-rigward ta' MPV huma ċari u faċli biex jiġu applikati** u jippermettu li l-amministrazzjoni nazzjonali tipprovdi gwida ċara lill-persuni taxxabbli f'sitwazzjonijiet individwali. Kważi nofs l-Istati Membri qablu wkoll li dawn id-dispożizzjonijiet huma ċari għall-persuni taxxabbli sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mal-

obbligi tagħhom u li dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu lill-amministrazzjoni nazzjonali tinforza r-regoli applikabbli.

Fil-kuntest tal-mistoqsijiet miftuħa tal-istħarriġ, **ħdax-il Stat Membru għamlu kummenti dwar din il-kwistjoni** u indikaw b'mod partikolari d-diffikultajiet fid-determinazzjoni tal-ammont taxxabbli, speċjalment fil-każ tal-kards tal-belt, jew ta' MPVs relatati ma' oġġetti/servizzi multipli, għad-diffikultà li jkollhom jitnaqqsu mill-ammont taxxabbli kull darba li l-vawċer jintuża parzjalment u għall-problema tal-vawċers mingħajr valur monetarju meta l-korrispettiv imħallas ma jkunx magħruf. Ġew espressi dubji dwar għal min jirreferi l-"korrispettiv imħallas għall-vawċer" (jiġifieri, għall-prezz imħallas mill-klijent lill-aħħar distributur, jew mill-emittent lill-fornitur). Fl-aħħar nett, ġie nnotat li kontradizzjoni mar-regola bażika dwar l-ammont taxxabbli tista' tirriżulta meta r-regoli dwar l-MPVs jirriżultaw f'ammont differenti li jiġi ntaxxat mill-ammont fil-fatt riċevut mill-fornitur mingħand l-emittent tal-vawċer.

Vawċers li ma jkunux issarfu

Sitt Stati Membri semmew kwistjonijiet li ltaqgħu magħhom b'vawċers li ma jkunux issarfu, b'mod partikolari fir-rigward ta' jekk għandux jiġi intaxxat il-korrispettiv miżmum u mhux rimborżat u l-kwalifika possibbli tiegħu bħala korrispettiv għal servizz ta' distribuzzjoni/promozzjoni jew "servizz ta' disponibbiltà" mill-fornitur lid-detentur tal-MPV. Ġie nnotat ukoll li n-nuqqas ta' regolamentazzjoni jista' jinkoraġġixxi l-kwistjoni ta' MPVs minflok SPVs sabiex tiġi posposta l-impożizzjoni tal-VAT u jiġi evitat il-pagament fil-każ ta' nuqqas ta' tisrif.

5. KONKLUŻJONIJIET

Mill-1 ta' Jannar 2019, fl-UE ġew applikati regoli komuni dwar il-VAT fuq il-vawċers. Dan ir-rapport, skont l-Artikolu 410b tad-Direttiva tal-VAT, ivvaluta l-prestazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom mill-Istati Membri fl-erba' snin minn meta r-regoli ġew stabbiliti għall-ewwel darba (bejn l-2019 u l-2022).

Inizjalment, il-Kummissjoni ressqet proposta bl-għan li tiċċara u tarmonizza r-regoli applikabbli dwar il-VAT fuq il-vawċers li fin-nuqqas tagħhom l-Istati Membri kienu żviluppaw soluzzjonijiet mhux koordinati, li wasslu għal riskji ta' tassazzjoni doppja jew nontassazzjoni. Mid-dispożizzjonijiet previsti fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni, xi wħud eventwalment ma ġewx adottati mill-Kunsill, u b'hekk ċerti kwistjonijiet speċifiċi (eż. servizzi ta' pagament) ma ġewx indirizzati mir-regoli attwali[48]. Matul dawn l-aħħar ftit snin, madankollu, il-Kumitat tal-VAT ikkontribwixxa għal applikazzjoni aktar uniformi tad-dispożizzjonijiet il-ġodda, b'ħames dokumenti ta' ħidma diskussi u żewġ settijiet ta' linji gwida maqbula mill-maġġoranza tal-Istati Membri fir-rigward tal-vawċers u r-relazzjoni tagħhom mal-istrumenti ta' pagament, it-tokens, l-iskemi speċjali tal-VAT, u l-kards tal-belt, u b'hekk ikopru wkoll xi aspetti mhux indirizzati mir-regoli kif adottati fil-Kunsill[49].

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regoli mill-Istati Membri fl-ewwel erba' snin, ma nstabet l-ebda problema kbira mill-kontrolli tal-konformità f'termini ta' traspożizzjoni formali u ma

[48] Taqsima 2.
[49] Taqsima 3.

tnediet l-ebda proċedura ta' ksur. S'issa l-QĠUE ħarġet biss żewġ sentenzi dwar ir-regoli l-ġodda introdotti mid-Direttiva dwar il-Vawċers (dwar il-kards tal-belt u d-distribuzzjoni transfruntiera ta' vawċer)[50].

Ir-riżultati tal-istħarriġ, li sar mis-27 ta' Marzu sad-9 ta' Ġunju 2023, juru li minħabba l-perjodu qasir li fih ġew applikati r-regoli tal-VAT dwar il-vawċers, **l-Istati Membri ma kellhomx biżżejjed żmien** biex jiġbru l-evidenza, iwettqu awditi, u jifformulaw sentenza finali dwar il-prestazzjoni ġenerali tar-regoli tal-VAT dwar il-vawċers.

Madankollu, sa fejn l-informazzjoni kienet disponibbli, l-Istati Membri jikkonfermaw li **r-regoli komuni tal-UE dwar il-vawċers indirizzaw b'mod wiesa' l-frammentazzjoni u l-kumplessità tal-applikazzjoni tal-VAT għal diversi mudelli ta' negozju li rriżultaw f'regoli aktar sempliċi u applikazzjoni aktar uniformi madwar l-UE**. B'mod partikolari, ir-regoli tal-VAT dwar il-vawċers jilħqu l-objettivi tagħhom billi jiżguraw rekwiżiti aktar uniformi u konformità aktar sempliċi. Dawn jitqiesu wkoll l-aktar rilevanti, sa fejn l-informazzjoni tkun disponibbli għall-Istati Membri, kif adattata għal diversi mudelli ta' negozju u tkun adattata biex tindirizza mudelli ġodda u futuri u sitwazzjonijiet transfruntiera. Jidher ukoll li r-regoli dwar il-vawċers, kif analizzati f'dan ir-Rapport, huma konformi mas-sistema ġenerali tal-VAT. Fl-aħħar nett, dawn ir-regoli jiżguraw valur miżjud tal-UE billi jindirizzaw il-problemi ta' applikazzjoni uniformi u ta' tassazzjoni doppja jew ta' nontassazzjoni madwar l-UE[51].

Fir-rigward tal-valutazzjoni dwar regoli speċifiċi, **id-dispożizzjonijiet dwar id-definizzjoni ġenerali ta' vawċer, dwar id-definizzjoni ta' SPVs u d-distinzjoni tagħhom minn MPVs u dwar it-trasferiment ta' SPVs u MPVs huma fil-biċċa l-kbira meqjusa bħala ċari u faċli biex jiġu applikati** għall-amministrazzjonijiet nazzjonali, li jippermettulhom jipprovdu gwida ċara u jinfurzaw ir-regoli applikabbli, u bħala ċari għall-persuni taxxabbli sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom.

Minoranza biss ta' Stati Membri enfasizzaw kwistjonijiet bl-applikazzjoni tar-regoli tal-VAT dwar il-vawċers fit-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet miftuħa tal-istħarriġ. Dwar id-definizzjoni ta' vawċers, il-katina tad-distribuzzjoni tagħhom u l-vawċers li ma jkunux issarfu, li kienu l-enfasi ta' dan ir-rapport, il-kwistjonijiet l-aktar imsemmija b'mod komuni kienu relatati mad-distinzjoni bejn vawċers u tipi oħra ta' strumenti (eż. tokens) u bejn MPVs u SPVs, speċjalment fil-kuntest ta' kummerċ transfruntier jew kards tal-belt. Kwistjonijiet oħra jirrigwardaw il-kwantifikazzjoni tal-ammont taxxabbli għal servizzi għad-distribuzzjoni ta' MPVs u għat-tisrif tagħhom u għat-trattament ta' vawċers li ma jkunux issarfu[52]. Dawn il-kwistjonijiet kienu **jikkonċernaw l-aktar aspetti tal-applikazzjoni tar-regoli attwali** u mhux aspetti leġiżlattivi ġodda li kellhom jiġu indirizzati u kienu **fil-biċċa l-kbira soġġetti għal diskussjonijiet preċedenti/li għaddejjin** fil-Kumitat tal-VAT (u għal sentenza reċenti tal-QĠUE) li kkontribwew b'mod sinifikanti għall-applikazzjoni aktar uniformi tagħhom.

Għalhekk, dan ir-rapport juri li l-objettivi tad-Direttiva dwar il-Vawċers intlaħqu l-aktar, filwaqt li xi kwistjonijiet speċifiċi ta' applikazzjoni għad iridu jiġu indirizzati. Iżda l-biċċa l-kbira tar-rapport jenfasizza li, minħabba li għaddew biss ftit snin, **il-biċċa l-kbira tal-Istati**

[50] Taqsima 3.
[51] Taqsima 4.1.
[52] Taqsima 4.2.

Membri għad ma għandhomx biżżejjed informazzjoni biex jivvalutaw kif xieraq il-prestazzjoni tar-regoli tal-VAT dwar il-vawċers. Speċjalment meta ġew mistoqsija dwar l-effiċjenza tar-regoli attwali f'termini tat-tnaqqis tal-kostijiet amministrattivi għall-kumpaniji li joħorġu jew jittrasferixxu SPVs jew MPVs, u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa/doganali, il-benefiċċji miġjuba lis-settur, iż-żieda fil-kummerċ domestiku u transfruntier ta' vawċers jew kwistjonijiet ta' frodi, il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri ma setgħux jipprovdu tweġibiet minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom[53].

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, minħabba l-perjodu qasir li fih ġew applikati r-regoli tal-VAT dwar il-vawċers u d-*data* limitata disponibbli għall-valutazzjoni, hija l-fehma tal-Kummissjoni li **kwalunkwe proposta biex jiġu emendati r-regoli attwali tkun prematura**. Barra minn hekk, minħabba l-fehmiet preliminari li fil-biċċa l-kbira jikkonfermaw il-kisba tal-objettivi ewlenin tad-Direttiva dwar il-Vawċers, **proposta ma tkunx xierqa wkoll**. Minoranza biss ta' Stati Membri qajmu kwistjonijiet li, madankollu, kienu prinċipalment relatati mal-applikazzjoni tar-regoli kif inhuma u li diġà kienu s-suġġett ta' diskussjonijiet fil-Kumitat tal-VAT, filwaqt li l-ftit kontributi dwar aspetti ġodda li ma ġewx indirizzati mil-leġiżlazzjoni attwali ma kellhomx analiżi fil-fond biżżejjed biex jiffurmaw il-bażi għal proposta leġiżlattiva ġdida. Fil-fehma tal-Kummissjoni, u kif muri mit-tweġibiet għall-istħarriġ, l-enfasi għandha minflok tkun fuq l-applikazzjoni korretta u uniformi tar-regoli fis-seħħ, u l-ħidma għandha titkompla f'dak li huwa **l-aktar forum xieraq tal-Kumitat tal-VAT,** li r-rwol tiegħu huwa li jeżamina kwistjonijiet ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-VAT u li, għalkemm ma wassalx għal deċiżjonijiet vinkolanti għall-Istati Membri, matul is-snin wera li kkontribwixxa b'mod sinifikanti għal applikazzjoni aktar uniformi tad-Direttiva tal-VAT.

[53] Anness – Rapport fil-Qosor.

ANNESS – RAPPORT FIL-QOSOR – KWESTJONARJU DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA DWAR IL-VAWĊERS (UE) 2016/1065

L-istħarriġ, immirat lejn l-Istati Membri, dam għaddej mis-27 ta' Marzu sad-9 ta' Ġunju 2023. L-Istati Membri kollha wieġbu għall-kwestjonarju.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri qablu/qablu ħafna li:

- Id-definizzjoni ġenerali ta' vawċer:
    - hija ċara u faċli biex tiġi applikata u tippermetti li l-amministrazzjoni nazzjonali tipprovdi gwida ċara lill-persuni taxxabbli f'sitwazzjonijiet individwali.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	2	7,41 %
Naqbel	17	62,96 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	4	14,81 %
Ma naqbilx	4	14,81 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	0	0 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

    - hija ċara għall-persuni taxxabbli sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	0	0 %
Naqbel	16	59,26 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	8	29,63 %
Ma naqbilx	2	7,41 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	1	3,7 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- Id-definizzjoni ta' SPV:
    - hija ċara u faċli biex tiġi applikata u tippermetti li l-amministrazzjoni nazzjonali tipprovdi gwida ċara lill-persuni taxxabbli f'sitwazzjonijiet individwali.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	2	7,41 %
Naqbel	21	77,78 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	2	7,41 %
Ma naqbilx	1	3,7 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	1	3,7 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- u d-distinzjoni tagħha minn MPV hija ċara għall-persuni taxxabbli sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	0	0 %
Naqbel	18	66,67 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	4	14,81 %
Ma naqbilx	1	3,7 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	4	14,81 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- Il-kundizzjonijiet kumulattivi biex wieħed ikun jaf il-post tal-forniment u l-VAT dovuta jippermettu lill-amministrazzjoni nazzjonali tiddefinixxi x'inhu SPV u tiddistingwih minn MPV

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	2	7,41 %
Naqbel	22	81,48 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	2	7,41 %
Ma naqbilx	1	3,7 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	0	0 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- Id-dispożizzjoni dwar it-trasferimenti ta' SPV minn persuni taxxabbli li jaġixxu f'isimhom stess:

    - hija ċara u faċli biex tiġi applikata u tippermetti li l-amministrazzjoni nazzjonali tipprovdi gwida ċara lill-persuni taxxabbli dwar l-avvenimenti taxxabbli differenti f'sitwazzjonijiet individwali.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	2	7,41 %
Naqbel	21	77,78 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	3	11,11 %
Ma naqbilx	1	3,7 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	0	0 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- tippermetti lill-amministrazzjoni nazzjonali tinforza r-regoli applikabbli dwar l-avvenimenti taxxabbli differenti f'sitwazzjonijiet individwali.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	3	11,11 %
Naqbel	17	62,96 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	5	18,52 %
Ma naqbilx	0	0 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	2	7,41 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- hija ċara għall-persuni taxxabbli li jaġixxu f'isimhom stess sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom fuq avvenimenti taxxabbli differenti.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	1	3,7 %
Naqbel	18	66,67 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	4	14,81 %
Ma naqbilx	2	7,41 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	2	7,41 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- Id-dispożizzjoni dwar it-trasferimenti ta' SPV meta l-fornitur tal-oġġetti/tas-servizzi ma jkunx il-persuna taxxabbli li, waqt li taġixxi f'isimha stess, tkun ħarġet l-SPV:

  - hija ċara u faċli biex tiġi applikata u tippermetti li l-amministrazzjoni nazzjonali tipprovdi gwida ċara lill-persuni taxxabbli dwar l-applikazzjoni tar-regola tal-"fornitur preżunt" f'sitwazzjonijiet individwali.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	3	11,11 %
Naqbel	17	62,96 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	6	22,22 %
Ma naqbilx	0	0 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	1	3,7 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- tippermetti lill-amministrazzjoni nazzjonali tinforza r-regola tal-“fornitur preżunt” f’sitwazzjonijiet individwali.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	3	11,11 %
Naqbel	13	48,15 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	8	29,63 %
Ma naqbilx	0	0 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	3	11,11 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- Id-dispożizzjoni dwar it-trasferimenti ta’ SPV minn persuna taxxabbli li tagħixxi f’isem persuna taxxabbli oħra:

  - hija ċara u faċli biex tiġi applikata u tippermetti li l-amministrazzjoni nazzjonali tipprovdi gwida ċara lill-persuni taxxabbli dwar l-avvenimenti taxxabbli differenti f’sitwazzjonijiet individwali.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	5	18,52 %
Naqbel	16	59,26 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	3	11,11 %
Ma naqbilx	1	3,7 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	2	7,41 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

  - tippermetti lill-amministrazzjoni nazzjonali tinforza r-regoli applikabbli dwar l-avvenimenti taxxabbli differenti f’sitwazzjonijiet individwali.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	3	11,11 %
Naqbel	16	59,26 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	5	18,52 %
Ma naqbilx	0	0 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	3	11,11 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- hija ċara għall-persuni taxxabbli li jaġixxu f'isem persuna taxxabbli oħra sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	1	3,7 %
Naqbel	16	59,26 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	6	22,22 %
Ma naqbilx	1	3,7 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	3	11,11 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- Id-dispożizzjoni dwar it-trasferimenti ta' MPV minn persuni taxxabbli li fil-fatt jikkonsenjaw l-oġġetti/jipprovdu s-servizzi hija ċara u faċli biex tiġi applikata u tippermetti lill-amministrazzjoni nazzjonali tipprovdi gwida ċara lil dawn il-persuni taxxabbli li skontha kull trasferiment ta' MPV qabel il-forniment attwali tal-oġġetti jew tas-servizzi huwa barra mill-kamp ta' applikazzjoni u t-tisrif tiegħu biss bil-forniment effettiv ta' oġġetti/servizzi huwa soġġett għall-VAT.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	3	11,11 %
Naqbel	19	70,37 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	4	14,81 %
Ma naqbilx	0	0 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	1	3,7 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- Id-dispożizzjoni dwar it-trasferimenti ta' MPV minn persuni taxxabbli għajr il-persuna taxxabbli li fil-fatt tikkonsenja l-oġġetti/tipprovdi s-servizzi hija ċara u faċli biex tiġi applikata u tippermetti lill-amministrazzjoni nazzjonali tipprovdi gwida ċara lil dawn il-persuni taxxabbli dwar l-eżistenza ta' kwalunkwe forniment ta' servizzi, bħal servizzi ta' distribuzzjoni jew ta' promozzjoni.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	2	7,41 %
Naqbel	16	59,26 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	6	22,22 %
Ma naqbilx	2	7,41 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	1	3,7 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- Id-dispożizzjoni dwar it-trasferimenti ta' MPV:

- tippermetti lill-amministrazzjoni nazzjonali tinforza r-regoli applikabbli f'sitwazzjonijiet individwali.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	2	7,41 %
Naqbel	14	51,85 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	9	33,33 %
Ma naqbilx	0	0 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	2	7,41 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- huma ċari għall-persuni taxxabbli sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	1	3,7 %
Naqbel	17	62,96 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	4	14,81 %
Ma naqbilx	2	7,41 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	3	11,11 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- Ir-regola primarja li skontha l-ammont taxxabbli tal-forniment ta' oġġetti jew servizzi fornuti fir-rigward ta' MPV għandu jkun daqs il-korrispettiv imħallas għall-vawċer hija ċara u faċli biex tiġi applikata u tippermetti li l-amministrazzjoni tat-taxxa tipprovdi gwida ċara lill-persuni taxxabbli f'sitwazzjonijiet individwali.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	2	7,41 %
Naqbel	16	59,26 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	4	14,81 %
Ma naqbilx	4	14,81 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	1	3,7 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- Ir-regola sekondarja li skontha l-ammont taxxabbli tal-forniment ta' oġġetti jew servizzi fornuti fir-rigward ta' MPV għandu jkun ugwali għall-valur monetarju indikat fuq il-vawċer b'użi multipli stess, jew fid-dokumentazzjoni relatata hija ċara u faċli biex tiġi

applikata u tippermetti li l-amministrazzjoni tat-taxxa tipprovdi gwida ċara lill-persuni taxxabbli f'sitwazzjonijiet individwali.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	2	7,41 %
Naqbel	14	51,85 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	7	25,93 %
Ma naqbilx	2	7,41 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	2	7,41 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- Id-distribuzzjoni ta' MPVs minn persuna taxxabbli, minbarra l-emittent tal-vawċer, hija forniment ta' servizz għall-finijiet tad-Direttiva tal-VAT.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Iva	23	85,19 %
Le	2	7,41 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	2	7,41 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- L-ammont taxxabbli tas-servizz ta' distribuzzjoni ta' MPV huwa ugwali għad-differenza bejn il-valur nominali tal-vawċer u l-prezz tax-xiri mħallas, li minnu jitnaqqas l-ammont tal-VAT relatat mas-servizz tad-distribuzzjoni pprovdut.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Iva	19	70,37 %
Le	4	14,81 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	4	14,81 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

17-il Stat Membru pprovdew gwida speċifika dwar il-katina tad-distribuzzjoni tal-MPVs, l-aktar fil-forma ta' gwida amministrattiva.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Iva	17	62,96 %
Le	10	37,04 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Leġiżlazzjoni	2	7,41 %
Linji gwida amministrattivi	12	44,44 %
Deċiżjoni Individwali	2	7,41 %
Oħrajn	1	3,7 %
L-ebda Tweġiba	10	37,04 %

Kważi nofs l-Istati Membri qablu/qablu ħafna li:

- id-dispożizzjonijiet dwar "fornitur preżunt" relatati mat-trasferimenti ta' SPV huma ċari għall-persuni taxxabbli, li huma l-fornituri ta' oġġetti/servizzi u ma humiex il-persuni taxxabbli li, filwaqt li jaġixxu f'isimhom stess, ħarġu l-SPV, sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	2	7,41 %
Naqbel	11	40,74 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	7	25,93 %
Ma naqbilx	0	0 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	7	25,93 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- id-dispożizzjoni dwar l-ammont taxxabbli tal-forniment ta' oġġetti jew servizzi fornuti fir-rigward ta' MPV tippermetti lill-amministrazzjoni nazzjonali tinforza r-regoli applikabbli f'sitwazzjonijiet individwali.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	2	7,41 %
Naqbel	10	37,04 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	10	37,04 %
Ma naqbilx	2	7,41 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	3	11,11 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- id-dispożizzjonijiet relatati mal-ammont taxxabbli tal-provvista ta' oġġetti jew servizzi fornuti fir-rigward ta' MPV huma ċari għall-persuni taxxabbli sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom f'avvenimenti taxxabbli differenti.

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Naqbel Ħafna	0	0 %
Naqbel	13	48,15 %
La naqbel u lanqas ma naqbilx	4	14,81 %
Ma naqbilx	2	7,41 %
Ma naqbel xejn	0	0 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	8	29,63 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

Nofs l-Istati Membri/il-maġġoranza tal-Istati Membri ma kellhomx biżżejjed informazzjoni dwar:

- jekk id-distribuzzjoni ta' vawċers ta' skont mingħajr ħlas minn persuna taxxabbli, minbarra l-emittent tal-vawċer, fejn il-persuna taxxabbli li tipprovdi l-oġġetti jew is-

servizzi li għalihom jirreferi l-vawċer tirċievi korrispettiv mingħand l-emittent, hijiex forniment ta' servizz ta' tisrif għall-finijiet tad-Direttiva tal-VAT.

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Iva		10	37,04 %
Le		3	11,11 %
L-ebda informazzjoni disponibbli		14	51,85 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

- jekk l-ammont taxxabbli tas-servizz ta' distribuzzjoni ta' vawċers ta' skont mingħajr ħlas bħal hawn fuq huwiex ugwali għat-tnaqqis fil-prezz mogħti lill-klijent u rimborżat mill-emittent, li minnu jitnaqqas l-ammont ta' VAT relatat mas-servizz ta' tisrif ipprovdut.

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Iva		5	18,52 %
Le		5	18,52 %
L-ebda informazzjoni disponibbli		17	62,96 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

Ġew espressi **fehmiet diverġenti** dwar jekk l-Istati Membri pprovdewx gwida speċifika dwar it-trattament tal-VAT ta' SPVs jew MPVs li ma jkunux issarfu. Jekk iva, ingħatat gwida l-aktar b'linji gwida amministrattivi.

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Iva, iżda għall-SPVs biss		4	14,81 %
Iva, iżda għall-MPVs biss		5	18,52 %
Iva, kemm għall-SPVs kif ukoll għall-MPVs		8	29,63 %
Le		10	37,04 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Leġiżlazzjoni		1	3,7 %
Linji gwida amministrattivi		13	48,15 %
Deċiżjoni Individwali		2	7,41 %
Oħrajn		1	3,7 %
L-ebda Tweġiba		10	37,04 %

VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA DWAR IL-VAWĊERS

Il-maġġoranza tal-Istati Membri qablu li l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vawċers matul l-ewwel erba' snin wasslet, *tal-anqas sa ċertu punt*, għal:

- konformità aktar sempliċi

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn	1	3,7 %
Minuri	3	11,11 %
Moderat	11	40,74 %
Fil-bieċa l-kbira	2	7,41 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	10	37,04 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- rekwiżiti aktar uniformi

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn	1	3,7 %
Minuri	4	14,81 %
Moderat	9	33,33 %
Fil-bieċa l-kbira	7	25,93 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	6	22,22 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- regoli tal-VAT adattati għal diversi mudelli ta' negozju

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn	1	3,7 %
Minuri	4	14,81 %
Moderat	9	33,33 %
Fil-bieċa l-kbira	4	14,81 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	9	33,33 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

Kważi nofs l-Istati Membri qablu, sa ċertu punt, iżda n-nofs l-ieħor/kważi n-nofs l-ieħor ma kellhomx biżżejjed informazzjoni dwar jekk ir-regoli tal-VAT:

- ipprovdewx benefiċċji lill-amministrazzjoni tat-taxxa/doganali

	Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn	3	11,11 %
Minuri	2	7,41 %
Moderat	6	22,22 %
Fil-bieċa l-kbira	3	11,11 %
L-ebda informazzjoni disponibbli	13	48,15 %
L-ebda Tweġiba	0	0 %

- lesti biex jittrattaw mudelli ta' negozju ġodda u futuri

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn		1	3,7 %
Minuri		5	18,52 %
Moderat		5	18,52 %
Fil-bieċa l-kbira		3	11,11 %
L-ebda informazzjoni disponibbli		13	48,15 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

- lesti biex jittrattaw sitwazzjonijiet transfruntiera

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn		2	7,41 %
Minuri		3	11,11 %
Moderat		6	22,22 %
Fil-bieċa l-kbira		2	7,41 %
L-ebda informazzjoni disponibbli		14	51,85 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

Il-maġġoranza tal-Istati Membri ma kellhomx biżżejjed informazzjoni dwar jekk ir-regoli tal-VAT:

- irriżultawx fit-tnaqqis tal-kostijiet amministrattivi għal:
    - kumpaniji li joħorġu l-SPVs

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn		1	3,7 %
Minuri		0	0 %
Moderat		2	7,41 %
Fil-bieċa l-kbira		1	3,7 %
L-ebda informazzjoni disponibbli		23	85,19 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

    - kumpaniji li joħorġu l-MPVs

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn		2	7,41 %
Minuri		0	0 %
Moderat		1	3,7 %
Fil-bieċa l-kbira		1	3,7 %
L-ebda informazzjoni disponibbli		23	85,19 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

- kumpaniji li jittrasferixxu l-SPVs

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn		1	3,7 %
Minuri		0	0 %
Moderat		0	0 %
Fil-bidda l-kbira		1	3,7 %
L-ebda informazzjoni disponibbli		25	92,59 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

- kumpaniji li jittrasferixxu l-MPVs

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn		1	3,7 %
Minuri		0	0 %
Moderat		0	0 %
Fil-bidda l-kbira		1	3,7 %
L-ebda informazzjoni disponibbli		25	92,59 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

- amministrazzjonijiet tat-taxxa/doganali

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn		4	14,81 %
Minuri		1	3,7 %
Moderat		1	3,7 %
Fil-bidda l-kbira		2	7,41 %
L-ebda informazzjoni disponibbli		19	70,37 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

- irriżultawx fiż-żieda ta':

- kummerċ domestiku ta' vawċers

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn		0	0 %
Minuri		1	3,7 %
Moderat		1	3,7 %
Fil-bidda l-kbira		1	3,7 %
L-ebda informazzjoni disponibbli		24	88,89 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

- kummerċ transfruntier ta’ vawċers

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn		0	0 %
Minuri		0	0 %
Moderat		1	3,7 %
Fil-bieċa l-kbira		1	3,7 %
L-ebda informazzjoni disponibbli		25	92,59 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

- ipprovdewx benefiċċji għas-settur

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn		0	0 %
Minuri		1	3,7 %
Moderat		4	14,81 %
Fil-bieċa l-kbira		2	7,41 %
L-ebda informazzjoni disponibbli		20	74,07 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

- indirizzawx kwistjonijiet ta’ frodi

		Tweġibiet	*Proporzjon*
Lanqas xejn		2	7,41 %
Minuri		1	3,7 %
Moderat		2	7,41 %
Fil-bieċa l-kbira		1	3,7 %
L-ebda informazzjoni disponibbli		21	77,78 %
L-ebda Tweġiba		0	0 %

Bi tweġiba għall-mistoqsijiet miftuħa tal-istħarriġ, **minoranza ta' Stati Membri qajmu kwistjonijiet speċifiċi** bl-applikazzjoni tar-regoli attwali. Hawn taħt hawn grafika li turi l-għadd ta' Stati Membri li qajmu kwistjonijiet bi tweġiba għal kull mistoqsija miftuħa.



Hawn taħt hawn erba' grafiċi bis-sommarju tal-kwistjonijiet l-aktar rilevanti mqajma relatati mad-definizzjoni/mal-kwalifika tal-vawċers, il-ktajjen tad-distribuzzjoni u l-vawċers li ma jkunux issarfu bl-għadd ta' Stati Membri li qajmu l-kwistjonijiet. Din l-analiżi tqis it-tweġibiet kollha għall-mistoqsijiet differenti fil-kwestjonarju biex tipprovdi l-aktar ħarsa ġenerali kompluta tal-kwistjonijiet imqajma (eż., l-ewwel grafika tinkludi kwistjonijiet ta' kwalifika

anke jekk imsemmija minn Stat Membru fil-kuntest ta' mistoqsija mhux relatata direttament mad-definizzjoni ta' vawċers).






TRASFERIMENT TAL-SPVs
REGOLA DWAR IL-FORNITUR PREŻUNT
INTERAZZJONI MA' SKEMI SPEĊJALI
TRASFERIMENT F'ISEM IL-PERSUNA STESS
TRASFERIMENT F'ISEM ĦADDIEĦOR
Kwistjonijiet
0
1
2
3
4
5
Numru ta' Stati Membri


VAWĊERS LI MA JKUNUX ISSARFU
SPV RIMBORŻAT IŻDA DISTRIBWIT MINN QABEL
NUQQAS TA' TNAQQIS TAT-TAXXA TAL-INPUT
KORRISPETTIV TAL-MPVs — KWALIFIKA U JEKK JIĠIX INTAXXAT
KWISTJONIJIET
0
1
2
3
4
5
NUMRU TA' STATI MEMBRI